# GĦATXANA LI JRIDU JAFU AKTAR

Minn Anthony Piscopo.

XI DRABI NILTAQA' MA' XI FURJANIŻI LI SSIBHOM GĦATXANA LI JKUNU JRIDU JAFU AKTAR FUQ L-IMGĦODDI TAS-SUBBORG TAGĦNA.

Il-mistoqsijiet li jagħmlulek ikunu ferm varjati għax ikun hemm min ikun irid jaf fuq bini, fuq toroq u dwar x'tibdil sar fihom mal-medda tas-snin.

Oħrajn tarahom jieħdu interess jisimgħuk tirrakuntalhom iż-żminijiet kiefra li l-Furjana għaddiet minnhom fl-aħħar Gwerra Dinjija meta l-Furjana kienet ħerba waħda, fosthom milquta sew il-Knisja Arċipretali u l-Knisja tal-Kapuċċini mġarrfa għalkollox u magħha milqut ukoll il-Kunvent u l-Kappella ta' Lourdes.

Kienu żminijiet li min għexhom u għadu ħaj żgur li ma nesihomx, wieħed minnhom jien li qed nikteb. Min dak iż-żmien sal-lum għaddew sebgħa' u sittin sena u tul dawn is-snin fihom saru kemm tibdiliet u żdiedu oħrajn li qabel il-gwerra ma kellniex. Jekk nagħtu ħarsa lejn il-bini li reġa' tela' wara l-gwerra, dan tela' b'aktar kumdita' fit-tqassim tal-kmamar f'waqt li f'ċerti toroq baqa jakkumpanja mal-bini li ma ġġarafx.




Iżda mhux hekk sar fi Triq Sant' Anna. Taħt il-loġoġ meta nbnew nbidlu għal kollox kif jidhru f'dan ir-ritratt. Fit-truf ta' din it-triq hemm jiddominaw żewġ munumenti dak tal-mafkar tal-Gwerra u l-Funtana tal-Iljun. Mistoqsija li ħafna jagħmluha hi dwar kif iż-żewġ munumenti jinsabu ċċentrati f'din it-triq? Meta fl-1938 bnew dan il-mafkar kienu bnewh ftit imġenneb il fuq, u meta nbnew il-loġġoġ, ħattewh u ċċentrawh f'nofs Triq Sant' Anna kif narawh illum. Il-Funtana tal-iljun li qabel kienet f'nofs Pjazza Sant' Anna kienu ressquha lejn it-tarf tad-daħla tal-Pjazza. Ħarsa lejn blokki ta' bini ġodda insemmu l-flattijiet li telgħu flok il-'Gun House' u flattijiet tal-faċċata, it-tnejn fi Triq Sir Luigi Sciberras. Wara s-sur ukoll inbnew flattijiet fosthom fl-erja fejn qabel kienet magħrufa b'tal-Parapett, kif kienu nbnew aktar qabel flok St. Francis Barracks. Wieħed ma jridx jinsa jsemmi l-blokk bini tal-Istitut Kattoliku u l-bini li tela' fuq is-Sagristija tal-Knisja Arċipretali li għamel żmien jintuża bħala Youth Center għaż-żgħażagħ. Kien hemm ukoll l-iżvilupp tal-Kennierja ta' taħt il-Knisja li llum insibuha bis-Sala San Publju.





Ħarsa lejn Barcelonetta wieħed jista' jara ix-Xagħra kif konna nsibuha illum magħrufa bl-Arena tal-Indipendenza hi mibdula għal kollox. F'Beltissebħ tela' ħafna bini okkupat bħala Uffiċini tal-Gvern. Il-Post li dari konna nsibuh Taħt il-Forka għal darbtejn inbniet il-Lukanda Excelsior. Fi Triq il-Mall ukoll naraw bini Governattiv u fi Triq l-Argotti ma' Triq l-Iljun inbnew flats ġodda u għalissa ma jistgħux jintużaw għax wara li nbnew instabu xi difetti fihom u huma perikolużI biex jintużaw.

Meta kien sar ix-xogħol ta' rikkostruzzjoni fil-Knisja Arċipretali kull ma nbidel fiha kienu l-pedamenti tal-koppla biex fuq il-koppla eżistenti titla' oħra fuqha kif jidher f'dan ir-ritratt.



Bidla oħra kaġun tal-ħsarat li saru fil-gwerra huma żewġ ħitan li dari kienu jdawru l-Ġnien tal-Mall, li għalkemm ma kenux iġġarrfu għal kollox komplew iwaqqgħuhom u mingħajrhom ma bqajniex qiesna maqsumin f'ta' fuq u f'ta' isfel, imma ġejna Furjana waħda. Stunatura kbira li saret f'dan il-ġnien kien meta nbniet l-iskola (illum uffiċini tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni) li hu bini modern li ma jaqbel xejn mad-daħla tal ġnien tal-Argotti, mal–funtana ta' Wignacourt, ma' Robert Samut Hall li qabel konna nsibuha tal-Metodisti u mal-Knisja ta' Sarria.

Fil–Mall nistgħu insemmu ż-żieda ta' monumneti li tpoġġew fih ma'dawk li kien hemm qabel il-gwerra, monumenti li komplew ifakkru personaġġI li mhux biss għamlu isem għalihom infushom iżda wkoll għal Malta, art twelidhom. F'dan iż-żieda nsibu il-monument ta' Sir Ugo Mifsud, ta' Sir Filippu Sciberras, tal-Professur Luigi Preziosi u ta' Sir Hannibal Scicluna.


**Moonday Kebab**
Restaurant & Take Away
Mdina Road, Zebbug
(faccata tal-bieb ta' DeRohan)



Tel:2146 4349 Mob: 9906 9910